IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2013
COM(2013) 497 final

2013/0242 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija għall-Innovazzjoni u r-Riċerka li bosta Stati Membri jwettqu b'mod konġunt

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 249 final}
{SWD(2013) 250 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1 L-għanijiet tal-proposta

Din il-proposta hi dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija għall-Innovazzjoni u r-Riċerka (EMPIR) li jwettqu bosta Stati Membri.

F'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, mal-inizjattiva ewlenija fl-Innovazzjoni tal-Unjoni, maż-Żona Ewropea tar-Riċerka u ma' Orizzont 2020, din l-inizjattiva għandha l-għan kumplessiv li tindirizza l-isfidi li tiltaqa' magħhom is-Sistema Ewropea tar-Riċerka fil-Metroloġija, u li żżid kemm jista' jkun il-benefiċċji minn soluzzjonijiet aħjar tal-kejl għall-Ewropa. L-għanijiet ġenerali tal-EMPIR huma li:

- jagħti soluzzjonijiet integrati u f'lokhom tal-metroloġija li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali, u teknoloġiji tal-kejl li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà bħas-saħħa, l-ambjent u l-enerġija inkluż appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika;
- joħloq Sistema Ewropea tar-Riċerka fil-Metroloġija integrata ma' massa kritika u impenn attiv fil-livell reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

1.2 Raġunijiet għall-proposta

Il-Metroloġija, ix-xjenza dwar il-kejl, hija l-fus ewlieni li fuqu ddur id-dinja teknoloġika. Kull aspett ta' ħajjitna jintlaqat mill-metroloġija, u għalhekk neħtieġu kejl dejjem aktar preċiż u affidabbli ħalli nistimolaw l-innovazzjoni u t-tkabbir fl-ekonomija tagħna msejsa fuq l-għarfien. Dak kollu li ma nistgħux inkejlu, ma nkunux nistgħu nifhmuh sew u lanqas nikkontrollawh, nimmanifatturawh jew nipproċessawh b'mod affidabbli. Għalhekk, l-avvanzi fil-metroloġija jħallu impatt kbir ħafna fuq dak li nifhmu u fuq il-ħila li għandna biex insawru d-dinja li ngħixu fiha.

B'kejl affidabbli u traċċabbli, il-komunità xjentifika globali tkun tista' tibni strumenti aħjar u taħdem aħjar bix-xjenza. Dan joħloq wisa' ġdid għall-industrija u jagħtiha l-ispazju u l-opportunità biex tkun innovattiva. B'mod vitali, dan jirfed u jtejjeb il-fehim u l-ftehim fl-isfidi globali bħall-enerġija, il-kura tas-saħħa u t-tibdil fil-klima.

Il-gvernijiet kollha fil-pajjiżi teknoloġikament avvanzati jappoġġaw infrastruttura tal-metroloġija minħabba l-benefiċċji tagħha u l-sura b'saħħitha li għandha bħala ġid pubbliku li jiġġustifika intervent pubbliku. Il-forzi ekonomiċi l-kbar fid-dinja qed iżidu l-investiment tagħhom fir-riċerka dwar il-metroloġija u l-infrastrutturi relatati. Minħabba l-livell ta' investiment fil-metroloġija u r-rwol tagħha biex tippromwovi l-eċċellenza xjentifika u l-kompetittività industrijali, Stati Membri individwali jew uħud flimkien, ma jkunux jistgħu jikkompetu globalment.

Il-programm Ewropew tar-riċerka fil-metroloġija (EMPR) attwali hu inizjattiva konġunta[1] li qed jimplimentawha 22 istitut nazzjonali tal-metroloġija. Din tissejjes fuq l-Artikolu 185 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li bl-implimentazzjoni tal-Programm Kwadru Pluriennali, ikunu jistgħu jiġu kkoordinati programmi nazzjonali tar-riċerka. L-evalwazzjoni interim għarfet il-valur tal-inizjattiva. Il-kisba ewlenija tal-EMRP hija integrazzjoni b'saħħitha bi programmazzjoni konġunta ta' 50% tal-finanzjament nazzjonali

[1] Id-Deċiżjoni Nru 912/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp dwar il-metroloġija meħud b'impenn minn diversi Stati Membri (ĠU L 257, 30.9.2009).

merfugħ għar-riċerka fil-metroloġija fl-Ewropa Din naqqset il-frammentazzjoni, evitat id-dupplikazzjoni żejda u għenet biex tinkiseb massa kritika billi kkonċentrat ir-riżorsi fuq oqsma ewlenin b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-aqwa riċerkaturi. Il-proġett tal-EMRP jagħti soluzzjonijiet tal-kejl Ewropew għall-isfidi l-kbar tas-soċjetà u jagħti inputs Ewropej komuni għall-istandards u r-regolamenti.

Għalkemm sar progress sostanzjali bl-EMRP, jidher li s-sistema jeħtieġ tindirizza bosta sfidi biex jiżdied l-impatt tar-riċerka fil-metroloġija fuq it-tkabbir u biex jingħelbu l-isfidi soċjoekonomiċi.

L-EMPIR, il-programm suċċessur, se jagħti sehmu f'għadd ta' inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 li jintlaqtu mir-riċerka fil-metroloġija, inkluża l-"Unjoni tal-Innovazzjoni", l-"Aġenda Diġitali għall-Ewropa", l-"Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" u l-"Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni". Pereżempju, dan se jagħmlu billi jiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi għall-ġestjoni tar-riżorsi naturali, jappoġġa l-proċess ta' standardizzazzjoni li jippermetti opportunitajiet kummerċjali globali għal prodotti u servizzi ġodda u jħalli jsiru testijiet effiċjenti fis-satelliti tal-komunikazzjoni. L-EMPIR se jgħin bil-bosta biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Orizzont 2020 billi jappoġġa suġġetti li huma direttament rilevanti għal għadd ta' prijoritajiet ta' Orizzont 2020.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1 Konsultazzjoni dwar il-futur tal-Programm Ewropew tar-Riċerka fil-Metroloġija

Il-Kummissjoni ikkonsultat ferm dwar Programm Ewropew fuq tar-Riċerka fil-Metroloġija. Mill-konsultazzjoni pubblika fuq l-interent li saret fl-2012 waslu 624 reazzjoni. Dawn taw opinjonijiet dwar ir-rilevanza tar-riċerka fil-metroloġija, identifikaw xi problemi li qed ikollha s-Sistema Ewropea tar-Riċerka fil-Metroloġija, u għarblu għadd ta' alternattivi ta' politika. 72% tat-tweġibiet waslu mingħand organizzazzjonijiet u 28% mingħand individwi. Is-sehem ewlieni tal-organizzazzjonijiet tawh l-organizzazzjonijiet tar-riċerka (32%) u n-negozji (16%, li 69% minnhom huma SMEs). Mill-konsultazzjoni ħarġu għadd ta' problemi, fosthom li mhux qed isir sfruttament industrijali biżżejjed, in-nuqqas ta' koperazzjoni tal-Istituti Nazzjonali tal-metroloġija (NMIs) mal-bażi xjentifika usa', id-diskrepanzi kbar fil-kapaċitajiet bejn l-Istati Membri tal-UE, il-fatt li mhix qed issir mobbiltà tar-riċerkaturi biżżejjed bejn l-NMIs, u n-nuqqas ta' involviment fl-istandardizzazzjoni Ewropea.

Bord ta' esperti għamel evalwazzjoni interim tal-programm EMRP wara tliet snin li ilu jitħaddem. F'April 2012 il-Kummissjoni adottat ir-rapport tiegħu. L-evalwazzjoni interim għarfet il-valur tal-inizjattiva u wriet progress konsiderevoli fil-koordinazzjoni tar-riċerka. Il-Bord jaqbel mal-fehma li "*l-EMRP hu programm Ewropew tar-riċerka konġunta li qed jitmexxa tajjeb u li diġà kiseb livell relattivament għoli ta' integrazzjoni xjentifika, tal-ġestjoni u finanzjarja wara biss sentejn ta' implimentazzjoni*", u li "*bla dubju, l-EMRP irnexxa fil-ħolqien ta' ERA (Żona Ewropea tar-Riċerka) fil-Metroloġija*".

L-evalwazzjoni interim kienet aktar kritika għan-nuqqas ta' progress f'li s-sistema tkun miftuħa għall-aqwa strutturi tax-xjenza u li jsawru l-kapaċità. Din tissuġġerixxi strumenti ddedikati li jappoġġaw l-innovazzjoni u pjanijiet direzzjonali regolatorji jew ta' standardizzazzjoni f'xi inizjattiva futura ħalli jiżdiedu l-impatti soċjoekonomiċi tar-riċerka fil-metroloġija.

Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lis-servizzi tagħha waqt il-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Valutazzjoni tal-Impatt fl-2012, li għenu fil-pjan direzzjonali biex jitħejja r-rapport tal-

valutazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-problema u r-rilevanza tal-EMPIR għal Direttorati Ġenerali oħrajn tal-Kummissjoni Ewropea.

2.2 L-alternattivi ta' politika

L-aħħar verżjoni tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt inkluda dawn l-alternattivi:

Fl-Alternattiva 1 ("l-ebda azzjoni speċifika tal-UE"), l-UE mhux se tibqa' tieħu sehem fl-EMRP wara t-tmiem tal-fażi ta' finanzjament attwali tagħha fl-2013. Fil-politiki ta' riċerka tal-UE, fil-programmi jew fil-fondi mhux se jkollha l-ebda dispożizzjoni speċifika biex jappoġġaw l-għanijiet tal-EMRP. L-aċċess għall-fondi tal-UE se jiġi limitat għall-kompetizzjoni għal finanzjamenti ta' proġetti *ad hoc* minn Orizzont 2020 għal suġġetti li jinkludu aspetti tal-metroloġija.

L-Alternattiva 2 ("l-ebda bidla — l-EMRP2") se tibqa' għaddejja b'inizjattiva identika li tiffoka għalkollox fuq il-koordinazzjoni u l-integrazzjoni tar-riċerka fundamentali u mmexxija mill-isfidi. Din tkun tinkludi xi sejħiet dwar suġġetti rilevanti għall-industrija.

L-Alternattiva 3 ("inizjattiva aħjar tal-Artikolu 185 — EMPIR") tibni fuq is-suċċess tal-EMRP billi timplimenta inizjattiva aktar ambizzjuża u inklussiva tal-Artikolu 185 li tkun allinjata mal-għanijiet ta' Ewropa 2020. L-ambitu tal-programm jitwessa' billi jiddaħħlu moduli ddedikati dwar ir-riċerka u l-isfruttament industrijali, l-appoġġ lill-istandardizzazzjoni u dwar it-trawwim tal-kapaċità. Minħabba l-bidla fl-ambitu, isem il-programm se jinbidel minn "Programm Ewropew tar-Riċerka fil-Metroloġija" għal "Programm Ewropew tal-Metroloġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni". Din l-alternattiva tkun tinvolvi aktar lill-partijiet interessati, u tinvolvi direttament ukoll lill-komunità usa' tar-riċerka. Billi l-programm hu itwal u għandu ambitu akbar, dan irid jiġi kkumpensat bir-riżorsi u allura l-livell ta' finanzjament tal-UE minn Orizzont 2020 se jiżdied meta mqabbel mal-FP7. Il-pajjiżi parteċipanti se jiżdiedu minn 22 għal [28].

2.3 Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt

Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ikkonkluda li jidher ċar u tond li l-Alternattiva 3 hi dik preferuta, jekk jitqiesu l-effikaċja tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet, l-effiċjenza u l-konsistenza fost il-kriterji kollha. Dan jappoġġawh bis-sħiħ ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika (93 % tat-tweġibiet jikklassifikaw din l-alternattiva bħala "tassew adattata" jew "adattata"). L-alternattiva se tibni fuq il-kisbiet preċedenti tal-EMRP billi tibqa' għaddejja fl-attivitajiet attwali filwaqt li tgħaqqad magħhom attivitajiet oħrajn mill-bidu nett biex tindirizza l-problemi li ma jistgħux jiġu indirizzati fil-qafas tal-inizjattiva attwali. Fi Frar 2013, il-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt irreveda u approva r-rapport. Fl-opinjoni tiegħu huwa talab li jitjieb ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, u fil-fatt ġie kkunsidrat. B'mod partikolari, issa r-rapport jispjega aħjar il-problemi speċifiċi, il-kawżi sottostanti u r-relazzjoni bejn l-għanijiet u l-miri. Id-deskrizzjoni tal-programm il-ġdid, meta mqabbla mal-inizjattiva attwali, tjiebet ħalli jiġi ċċarat aħjar kif il-programm il-ġdid se jindirizza n-nuqqasijiet identifikati.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1 Il-bażi legali

Il-proposta għall-EMPIR hi msejsa fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE, fejn tidħol il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp li jwettqu bosta Stati Membri, inkluża l-parteċipazzjoni fl-istrutturi li jinħolqu għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi.

3.2 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika billi l-proposta mhijiex fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Is-sussidjarjetà hi ssalvagwardjata billi l-proposta tissejjes fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE, li b'mod espliċitu jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-programmi tar-riċerka li jwettqu bosta Stati Membri.

L-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jilħqu biżżejjed l-għanijiet tal-proposta, għax l-iskala u l-kumplessità tar-rekwiżiti tal-metroloġija jeħtieġu investimenti akbar mill-baġits tal-qalba tar-riċerka li għandhom l-NMIs Ewropej. L-eċċellenza meħtieġa għar-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet avvanzati tal-metroloġija hi mifruxa fost il-fruntieri nazzjonali, u għalhekk ma tistax tinkiseb bi sforz biss fuq livell nazzjonali. Mingħajr approċċ konsistenti fuq livell Ewropew mal-massa kritika, hemm riskju kbir ta' sforzi żejda u allura jiżdiedu l-kostijiet.

Il-valur miżjud ta' intervent pubbliku fil-livell tal-UE jinsab f'li l-UE jirnexxilha tgħaqqad programmi nazzjonali tar-riċerka li huma maqtugħin għalihom, tgħin biex jitfasslu strateġiji komuni tar-riċerka u l-finanzjament li jegħlbu l-fruntieri nazzjonali, u tikseb massa kritika ta' atturi u investimenti li hemm bżonn biex jiġu indirizzati l-isfidi li tiltaqa' magħhom is-sistema tar-riċerka fil-metroloġija, filwaqt li żżid l-effiċjenza tal-infiq pubbliku. L-UE mistennija tagħti 50 % tal-finanzjament kollu.

3.3 Il-prinċipju tal-proporzjonalità

L-Artikolu 185 tat-TFUE jistieden lill-Unjoni biex "bi ftehim mal-Istati Membri involuti, tipprovdi dwar parteċipazzjoni tagħha fi programmi ta' riċerka u żvilupp mnedija minn diversi Stati Membri, inkluża l-parteċipazzjoni fl-istutturi maħluqa għall-esekuzzjoni ta' dawn il-programmi". L-Istati Membri huma l-forza li jmexxu 'l quddiem l-inizjattiva.

Il-proposta hi konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi l-Istati Membri se jkunu responsabbli biex jiżviluppaw il-programm konġunt tagħhom u kull aspett operazzjonali. Fl-inizjattiva attwali tal-EMRP, l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni *EURAMET e.V.* diġà wriet li tista' timplimenta l-programm b'mod effiċjenti u effettiv. L-Unjoni se tagħti inċentivi għal koordinazzjoni aħjar, biex tiżgura sinerġiji ma' u kontribut lill-politiki tal-UE u lill-prijoritajiet ta' Orizzont 2020, tissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm u tiżgura li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE.

3.4 Għażla tal-istrument

L-inizjattiva proposta tal-EMPIR se tkun imsejsa fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni interim u analiżi tal-alternattivi fil-valutazzjoni tal-impatt urew li l-Artikolu 185 hu l-aktar mezz xieraq biex jintlaħqu l-għanijiet tal-EMPIR.

3.5 Derogi mir-regoli tal-parteċipazzjoni

Fl-EMPIR, il-finanzjament li taw l-istati parteċipanti, prinċipalment jirrappreżenta r-riżorsi allokati bħala nefqa diretta fil-proġetti magħżula b'finanzjament istituzzjonali tal-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMIs) u l-Istituti Magħżula (DIs) li qed jieħdu sehem fil-proġetti. Il-finanzjament istituzzjonali tal-NMIs u d-DIs ikopri s-sehem mill-kostijiet ġenerali tagħhom allokati għall-proġetti (kostijiet indiretti tal-proġetti) u mhux rimborżati fl-EMPIR.

Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-NMIs u d-DIs trid tkun taqbel mal-kontribuzzjoni li jagħtu l-istati parteċipanti, li ma tqisx biss il-finanzjament istituzzjonali kif deskritt hawn fuq iżda anki l-kontribuzzjoni fi flus tal-istati parteċipanti għall-kostijiet amministrattivi (sa EUR 30 miljun) u l-proporzjon tal-finanzjament tal-Unjoni allokat lil entitajiet oħrajn (madwar EUR 90 miljun). Għalhekk hu mistenni li l-kontribuzzjoni tal-UE għall-NMIs u d-DIs tkun EUR 210 miljun (43.75%) u l-kontribuzzjoni tal-istati parteċipanti għan-NMIs u d-DIs tkun EUR 270 miljun (56.25%).

Il-konformità mal-prinċipju tat-tqabbil se tkun żgurata billi tiġi adattata l-kontribuzzjoni tal-UE u titbaxxa r-rata fissa tal-finanzjament tal-UE għall-kostijiet indiretti għall-NMIs u d-DIs meta mqabbla mar-rata li stabbilixxew ir-Regoli tal-Parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020. Jekk wieħed iqis li d-dejta mingħand l-NMIs u d-DIs li qed jieħdu sehem fil-proġetti tal-EMRP abbażi tal-kostijiet indiretti kollha turi li l-kostijiet indiretti eliġibbli tagħhom jilħqu 140% tal-kostijiet diretti eliġibbli tal-proġetti skont ir-Regoli tal-Parteċipazzjoni tal-FP7, l-NMIs u d-DIs se jiddikjaraw kostijiet indiretti eliġibbli skont rata fissa ta' 5% tal-kostijiet diretti eliġibbli tagħhom. Entitajiet legali oħrajn li qed jieħdu sehem fil-proġetti se jiġu ffinanzjati skont ir-Regoli tal-Parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020.

Dan jinvolvi deroga mill-Artikolu 24 għall-NMIs u d-DIs.

Il-proposta tagħti salvagwardji biex tiżgura li l-istruttura speċifika tal-implimentazzjoni tirrispetta l-prinċipji tat-trattament ugwali u t-trasparenza meta tagħti appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, u li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE. Din tipprevedi wkoll għal dispożizzjonijiet fid-dettall għal dan kollu fi ftehim li jridu jikkonkludu l-Unjoni u l-istruttura speċifika tal-implimentazzjoni.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata ma' din id-deċiżjoni tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni, inkluż l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, lill-EMPIR għandha tkun EUR 300 miljun fi prezzijiet attwali għal kemm itul il-Programm Qafas Orizzont 2020. Il-kontribuzzjonijiet se jsiru minn dawn l-isfidi u s-suġġetti[2]:

- Tmexxija fin-nanoteknoloġija, il-materjali avvanzati, il-bijoteknoloġija, il-manifattura u l-ipproċessar avvanzati (EUR 52,5 miljun)
- Tmexxija fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (EUR 37,5 miljun)
- Titjib fis-saħħa u l-benesseri tul il-ħajja (EUR 60 miljun)
- Titjib fis-sikurezza tal-ikel, l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli, ir-riċerka tal-baħar u marittima, u l-bijoekonomija (EUR 15 million)
- Li ssir it-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva (EUR 60 miljun)
- Li tinħoloq sistema Ewropea tat-trasport li tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla intoppi (EUR 22,5 miljun)
- Li tinkiseb ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli tal-materja prima (EUR 52,5 miljun).

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni u tal-ftehim ta' delega li jridu jikkonkludu l-Kummissjoni u l-istruttura speċifika tal-implimentazzjoni jridu jiżguraw li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE.

[2] L-ammont hu indikattiv u jiddependi fuq l-ammont finali għad-DĠ RTD u d-DĠ CNECT f'dawn l-isfida/i jew is-suġġett(i) msemmija hawn fuq.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

5.1 Simplifikazzjoni

Il-proposta se tissemplifika l-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi (tal-UE jew nazzjonali) u għall-partijiet privati.

L-UE se taħdem direttament mal-istruttura speċifika tal-implimentazzjoni tal-EMPIR li se tkun qed tieħu ħsieb talloka, tissorvelja u tirrapporta dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-UE.

5.2 Il-klawżola ta' analiżi/reviżjoni/sunset

Il-proposta fiha klawżola ta' analiżi għal reviżjoni interim mhux aktar tard mill-2018.

5.3 Iż-Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE, u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2013/0242 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija għall-Innovazzjoni u r-Riċerka li bosta Stati Membri jwettqu b'mod konġunt

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Ewropa 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv[4], il-Kummissjoni tisħaq fuq il-bżonn li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni biex fl-Unjoni jinħoloq tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill approvaw dik l-istrateġija.

(2) Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) li stabbilit mir-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fi … 2013[5] (minn hawn 'il quddiem "il-Programm Qafas Orizzont 2020") għandu l-għan li jħalli impatt akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jgħin ħalli jissaħħu s-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi, anki bil-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi programmi li jitwettqu bosta Stati Membri f'konformità mal-Artikolu 185 tat-Trattat.

(3) Bid-Deċiżjoni Nru 912/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp dwar il-metroloġija meħud b'impenn minn diversi Stati Membri[6], il-Komunità ddeċidiet li tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Programm Ewropew tar-Riċerka fil-Metroloġija (minn hawn 'il quddiem "EMRP") li taqbel ma' dik tal-Istati parteċipanti iżda li ma taqbiżx EUR 200 miljun, għall-perjodu kollu tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-

[3] ĠU C... [opinjoni tal-KES]
[4] COM(2010) 2020 finali, 3.3. 2010.
[5] ĠU... [H2020 FP]
[6] ĠU L 257, 30.9.2009, p. 12.

attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006[7].

(4) F'April 2012, il-Kummissjoni għaddiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-Evalwazzjoni Interim tal-Programm Ewropew tar-Riċerka fil-Metroloġija – EMRP[8]. Din l-evalwazzjoni għamilha bord tal-esperti, tliet snin wara l-bidu tal-programm. Skont l-opinjoni ġenerali tal-bord tal-esperti, l-EMRP hu progamm Ewropew tar-riċerka konġunta li jitmexxa tajjeb u li diġà laħaq livell relattivament għoli ta' integrazzjoni xjentifika, ġestjonarja u finanzjarja. Iżda l-bord tal-esperti nnota sfruttament industrijali limitat, ftuħ limitat għax-xjenza eċċellenti barra l-istituti tal-metroloġija u li ma titrawwimx biżżejjed il-kapaċità. Il-bord tal-esperti kien tal-opinjoni wkoll li bl-implimentazzjoni tal-EMRP jista' jinbena qasam Ewropew tar-riċerka fil-metroloġija aktar inklussiv.

(5) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill .../2013/UE ta' ... 2013 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)[9] jista' jingħata aktar appoġġ lill-Programm Ewropew tar-Riċerka fil-Metroloġija.

(6) Il-Programm Ewropew tal-Metroloġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem "EMPIR"), allinjat mal-istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi ewlenin relatati, b'mod partikolari "Unjoni tal-Innovazzjoni"[10], l-"Aġenda Diġitali għall-Ewropa"[11], l-"Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi"[12] u l-"Politika Industrijali għall-Era tal-Globalizzazzjoni"[13], se jkun programm aktar ambizzjuż u inklussiv għal għaxar snin (2014-2024) bi [28] stat parteċipanti. Bħala parti mit-titjib mill-programm preċedenti, l-EMPIR se jkollu attivitajiet dwar l-innovazzjoni u l-isfruttament industrijali, dwar ir-riċerka għal normi u standards u dwar it-trawwim tal-kapaċità.

(7) L-istati parteċipanti beħsiebhom jikkontribwixxu biex jimplimentaw l-EMPIR matul il-perjodu li jkopri l-EMPIR (2014-2024).

(8) Għandu jiġi stabbilit limitu għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-EMPIR għal kemm itul il-Programm Qafas Orizzont 2020. F'dan il-limitu, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun daqs il-kontribuzzjoni tal-istati parteċipanti fl-EMPIR ħalli jintlaħaq effett qawwi ta' ingranaġġ u tkun żgurata integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-Istati parteċipanti fil-programmi.

(9) F'konformità mal-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru .../2013, kull Stat Membru u kull pajjiż assoċjat mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għandu jkun intitolat biex jieħu sehem fl-EMPIR.

(10) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għal impenji formali mill-istati parteċipanti biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-EMPIR u t-twettiq sħiħ ta' dawn l-impenji. Il-kontribuzzjonijiet tal-istati parteċipanti fl-EMPIR għandhom jinkludu kontribuzzjoni għall-kostijiet amministrattivi sal-limitu ta' 5% tal-baġit tal-EMPIR. L-istati parteċipanti għandhom jagħmlu impenn biex iżidu, jekk meħtieġ, il-kontribuzzjoni tagħhom fl-EMPIR b'kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta'

---

7 ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
8 COM(2012) 174 finali, 16.4. 2012.
9 ĠU ... [H2020 FP]
10 COM(2010) 546 finali, 6.10.2010.
11 COM(2010) 245 finali/2, 26.8.2010.
12 COM(2011) 21, 26.1.2011.
13 COM(2012) 582 finali, 10.10.2012.

50% biex ikun żgurat li huma kapaċi jiffinanzjaw l-entitajiet nazzjonali tagħhom (l-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija u l-Istituti Magħżula) li jieħdu sehem fil-proġetti magħżula.

(11) L-implimentazzjoni konġunta tal-EMPIR teħtieġ struttura tal-implimentazzjoni. L-istati parteċipanti qablu dwar l-istruttura tal-implimentazzjoni għall-EMRP u fl-2007 waqqfu l-EURAMET e.V. (minn hawn 'il quddiem "EURAMET"), l-Organizzazzjoni Reġjonali Ewropea tal-Metroloġija u assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ skont il-liġi Ġermaniża. Il-EURAMET għandu wkoll kompiti u obbligi relatati mal-armonizzazzjoni Ewropea u globali usa' tal-metroloġija. Is-sħubija fil-EURAMET hi miftuħa għal kull Istitut Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI) Ewropew bħala membru, u għall-Istituti Magħżula (DI) bħala assoċjati. Is-sħubija fil-EURAMET ma tiddependix fuq jekk ikunux jeżistu programmi nazzjonali tar-riċerka fil-metroloġija. Billi, skont ir-Rapport dwar l-Evalwazzjoni Interim tal-EMRP, l-istruttura tal-governanza tal-EURAMET instabet effiċjenti u ta' kwalità għolja għall-implimentazzjoni tal-EMRP, il-EURAMET għandha tintuża ukoll għall-implimentazzjoni tal-EMPIR. Il-EURAMET għandha tkun ir-riċevitur tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

(12) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-EMPIR, il-EURAMET għandha tagħti appoġġ finanzjarju, l-aktar fil-forma ta' għotjiet lill-parteċipanti f'dawk l-azzjonijiet li jintgħażlu fil-livell tal-EURAMET. Dawn l-azzjonijiet għandhom jintgħażlu wara sejħiet għall-proposti fir-responsabbiltà tal-EURAMET. Il-klassifika għandha tkun vinkolanti fejn jidħlu l-għażla tal-proposti u l-allokazzjoni tal-finanzjament mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u mill-kontribuzzjonijiet mill-istati parteċipanti għall-proġetti tal-EMPIR.

(13) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titmexxa skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u mar-regoli dwar ġestjoni indiretta stabbiliti mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[14] u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[15].

(14) Biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt tnaqqas, tissospendi jew tittermina l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni jekk l-EMPIR ma jiġix implimentat kif jixraq, jiġi implimentat parzjalment jew tard, jew jekk l-istati parteċipanti ma jikkontribwixxux jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-EMPIR. Dawn id-drittijiet għandhom jiġu previsti fil-ftehim ta' delega li jridu jikkonkludu l-Unjoni u l-EURAMET.

(15) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti li jiffinanzjat l-EMPIR hi soġġetta għar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- ...2013 li jistabbilixxi r-regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid fi "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)"[16]. Madankollu, minħabba l-bżonnijiet operattivi speċifiċi tal-EMPIR, hemm bżonn jingħataw derogi minn dak ir-Regolament skont l-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament [ir-Regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid f' Orizzont 2020].

---

14 ĠU L 298, 26.10.2012.
15 ĠU L 362, 31.12.2012.
16 ĠU ... [H2020 FP]

(16) Prinċipalment, il-kontribuzzjoni tal-istati parteċipanti se tirrappreżenta finanzjament istituzzjonali tal-NMIs u d-DIs li jieħdu sehem fil-proġetti magħżula. Il-kontribuzzjoni tal-istati parteċipanti għandha tinkludi wkoll kontribuzzjoni fi flus għall-kostijiet amministrattivi tal-EMPIR. Proporzjon tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandu jiġi allokat għal entatjiet oħra flok l-NMIs u d-DIs li qed jieħdu sehem fil-proġetti magħżula. Il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-NMIs u d-DIs li jieħdu sehem fil-proġetti tal-EMPIR għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-EMPIR ma taqbiżx il-kontribuzzjoni tal-istati parteċipanti. Filwaqt li jitqies li l-finanzjament istituzzjonali tal-NMIs u d-DIs mingħand l-istati parteċipanti jkun jikkorrispondi għall-kostijiet ġenerali allokati għall-proġetti tal-EMPIR u mhux rimborżati mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni, ir-rata fissa għall-finanzjament tal-kostijiet indiretti eliġibbli tal-NMIs u d-DIs għandha tiġi adattata meta mqabbla ma' dik stipulata fir-Regolament (UE) Nru .../2013 [li jistabbilixxi r-regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid fi "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)"]. Din ir-rata fissa għandha tinstab abbażi tal-kostijiet indiretti kollha li l-NMIs u d-DIs li jkunu qed jieħdu sehem fil-proġett tal-EMRP jiddikjarawhom bħala eliġibbli, u li huma stabbli u jikkostitwixxu approssimazzjoni affidabbli tal-kostijiet indiretti li jġarrbu l-NMIs u d-DIs li jkunu qed jieħdu sehem fil-proġetti tal-EMPIR. Billi dawk il-kostijiet indiretti jilħqu 140% tal-kostijiet diretti eliġibbli kollha tal-NMIs u d-DIs, ħlief dawk għas-subkuntrattar u l-kontribuzzjonijiet in natura bla ħlas mhux użati fl-istabbilimenti tagħhom, ir-rata fissa għall-finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-NMIs u d-DIs għandha titnaqqas minn [20%] skont ir-Regolament (UE) Nru .../2013 għal 5%. Għaldaqstant jixraq li jiġu previsti derogi mill-Artikolu 24 ta' dak ir-Regolament għall-NMIs u d-DIs. Entitajiet oħra li jieħdu sehem fil-proġetti tal-EMPIR għandhom jiġu ffinanzjati skont dak ir-Regolament.

(17) L-adegwatezza tal-mudell tal-finanzjament fejn jidħol il-prinċipju tat-tqabbil bejn il-fondi tal-Unjoni u l-fondi li mhumiex tal-Unjoni għandha tiġi vvalutata mill-ġdid waqt l-evalwazzjoni interim tal-EMPIR.

(18) Il-verifiki tar-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni mogħtija skont din id-Deċiżjoni għandhom jiżguraw li jonqos il-piż amministrattiv, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru .../2013 [il-Programm Qafas Orizzont 2020].

(19) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jitħarsu b'miżuri proporzjonati tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu, inkluż bil-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati ħażin u, meta xieraq, pieni amministrattivi u finanzjarji skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(20) Il-Kummissjoni għandha tmexxi valutazzjoni interim li b'mod partikolari tivvaluta l-kwalità u l-effiċjenza tal-EMPIR, il-progress għall-għanijiet stabbiliti u evalwazzjoni finali u tħejji rapport dwar dawn l-evalwazzjonijiet.

(21) Meta titlobhom il-Kummissjoni, il-EURAMET u l-istati parteċipanti għandhom iressqu kull informazzjoni li l-Kummissjoni jeħtieġ tinkludi fir-rapporti dwar l-evalwazzjoni tal-EMPIR.

(22) L-għan ta' din id-deċiżjoni hu li l-Unjoni tieħu sehem fl-EMPIR l-aktar biex tappoġġa d-dispożizzjoni ta' soluzzjonijiet tal-metroloġija xierqa, integrati u f'lokhom, u li jinħolqu Sistema Ewropea tar-Riċerka fil-Metroloġija integrata ma' massa kritika u impenn attiv f'livell reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali li l-Istati Membri ma jistgħux jilħqu waħedhom. L-iskala u l-kumplessità tar-rekwiżiti tal-metroloġija jitolbu investimenti akbar mill-baġits tal-qalba tar-riċerka tal-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija u l-Istituti Magħżula tagħhom. L-eċċellenza meħtieġa għar-riċerka u l-

iżvilupp ta' soluzzjonijiet avvanzati tal-metroloġija hi mifruxa fost il-fruntieri nazzjonali u għalhekk ma tistax tinkiseb bi sforz biss fuq livell nazzjonali. Għalhekk, peress li l-għan jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jiġu integrati l-isforzi nazzjonali f'approċċ Ewropew konsistenti, billi jingħaqdu programmi nazzjonali tar-riċerka li huma maqtugħin għalihom, billi tingħata għajnuna biex jitfasslu strateġiji komuni tar-riċerka u l-finanzjament li jegħlbu l-fruntieri nazzjonali, u billi tinkiseb massa kritika ta' atturi u investimenti li hemm bżonn, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

1. L-Unjoni għandha tieħu sehem fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem "EMPIR") li jwettqu b'mod konġunt il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit, kif ukoll [il-Bosnja-Ħerzegovina, in-Norveġja, is-Serbja, l-Isvizzera u t-Turkija] (minn hawn 'il quddiem "stati parteċipanti"), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

2. Kull Stat Membru ieħor u kull pajjiż ieħor assoċjat ma' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) stabbilit mir-Regolament (UE) Nru .../2013... (minn hawn 'il quddiem "il-Programm Qafas Orizzont 2020") jista' jieħu sehem fl-EMPIR sakemm ikun jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1)(c) ta' din id-Deċiżjoni. Dawn l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(c) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitqiesu bħala Stati Parteċipanti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, lill-EMPIR għandha tkun EUR 300 miljun. Il-kontribuzzjoni għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-partijiet rilevanti tal-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020, stabbilit mid-Deċiżjoni .../2013/UE, skont l-Artikolu 58(1)(c)(vi) u l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

2. Mingħajr ma jinqabeż l-ammont massimu stabbilit fil-paragrafu 1, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun daqs il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti lill-EMPIR, ħlief il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti għall-kostijiet amministrattivi li jaqbżu 5% tal-baġit tal-EMPIR.

3. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ma għandhiex tintuża biex tkopri l-kostijiet amministrattivi tal-EMPIR.

Artikolu 3
Il-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandu jkollha dawn il-kundizzjonijiet:

   (a) l-Istati Parteċipanti juru li l-EMPIR hu stabbilit skont l-Annessi I u II;

   (b) il-ħatra mingħand l-Istati Parteċipanti jew mingħand l-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMIs) li ddeżinjaw l-Istati Parteċipanti, tal-EURAMET e.V. (minn hawn 'il quddiem "EURAMET"), bħala l-istruttura responsabbli biex timplimenta l-EMPIR u biex tirċievi, talloka u tissorvelja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni;

   (c) l-impenn ta' kull stat parteċipanti biex jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-EMPIR u biex jistabbilixxi kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta' 50% tal-ammont tal-impenn;

   (d) il-EURAMET turi l-kapaċità tagħha biex timplimenta l-EMPIR, inkluż li tirċievi, talloka u tissorvelja l-kontribuzzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-ġestjoni indiretta tal-baġit tal-Unjoni skont l-Artikoli 58, 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

   (e) it-twaqqif ta' mudell ta' governanza għall-EMPIR skont l-Anness III.

2. Waqt l-implimentazzjoni tal-EMPIR, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandu jkollha wkoll dawn il-kundizzjonijiet:

   (a) il-EURAMET jimplimenta l-għanijiet tal-EMPIR stabbiliti fl-Anness I l-attivitajiet stabbiliti fl-Anness II skont ir-regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid imsemmija fl-Artikolu 5;

   (b) il-manutenzjoni ta' mudell ta' governanza xieraq u effiċjenti skont l-Anness III;

   (c) il-EURAMET ikun konformi mar-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

   (d) it-twettiq kollu tal-impenji msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

Artikolu 4
Il-kontribuzzjonijiet mingħand l-Istati Parteċipanti

Il-Kontribuzzjonijiet mingħad l-Istati Parteċipanti għandhom jikkonsistu minn:

(a) kontribuzzjonijiet minn finanzjament istituzzjonali tal-NMIs u l-Istituti Magħżula (DIs) li jieħdu sehem fil-proġetti tal-EMPIR;

(b) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet amministrattivi tal-EMPIR.

Artikolu 5
Ir-regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid

1. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru ... [ir-Regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020], il-EURAMET għandha titqies bħala korp ta' finanzjament u għandha tagħti appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

2. B'deroga mill-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) Nru ... [ir-Regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020], il-kostijiet indiretti eliġibbli tal-NMIs u d-DIs li jieħdu sehem fil-proġetti ffinanzjati mill-EMPIR għandhom jiġu determinati

billi tiġi applikata rata fissa ta' [5%] tal-kostijiet diretti eliġibbli kollha tagħhom, ħlief il-kostijiet diretti eliġibbli għas-subkuntrattar u l-kostijiet tar-riżorsi li partijiet terzi jagħmlu disponibbli u li ma jintużawx fl-istabbiliment tal-benefiċjarju, kif ukoll appoġġ finanzjarju għal partijiet terzi.

3. L-evalwazzjoni interim tal-EMPIR imsemmija fl-Artikolu 12 għandha tinkludi valutazzjoni tal-kostijiet indiretti kollha tal-NMIs u d-DIs li jkunu qed jieħdu sehem fil-proġetti tal-EMPIR u tal-finanzjament istituzzjonali korrispondenti.

4. Abbażi ta' din il-valutazzjoni u għall-fini tal-Artikolu 2(2), il-EURAMET tista' tnaqqas ir-rata fissa stabbilita fil-paragrafu 2.

5. Jekk dan ma jkunx biżżejjed, il-EURAMET b'deroga mill-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) Nru... [ir-Regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020] tista' tapplika rata aktar baxxa ta' rimborż għall-kostijiet eliġibbli tal-NMIs u d-DIs li jkunu qed jieħdu sehem fil-proġetti li jiffinanzja l-EMPIR.

Artikolu 6
L-implimentazzjoni tal-EMPIR

1. L-EMPIR għandu jiġi implimentat abbażi tal-pjanijiet ta' ħidma annwali.

2. Il-EURAMET għandha tagħti appoġġ finanzjarju, l-aktar fil-forma ta' għotjiet lill-parteċipanti wara sejħiet għall-proposti.

Qabel ma tidentifika s-suġġetti ta' kull sejħa għall-proposti, il-EURAMET għandha tistieden individwi jew organizzazzjonijiet interessati mill-komunità tar-riċerka fil-metroloġija u l-utenti biex jissuġġerixxu suġġetti potenzjali tar-riċerka.

Artikolu 7
Ftehimiet bejn l-Unjoni u l-EURAMET

1. Soġġetta għal valutazzjoni *ex-ante* pożittiva tal-EURAMET skont l-Artikolu 61(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehim ta' delega u ftehimiet annwali tat-trasferiment tal-fondi mal-EURAMET.

2. Il-ftehim ta' delega msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi konkluż skont l-Artikoli 58(3), 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012. Dan għandu jistabbilixxi wkoll:

(a) ir-rekwiżiti għall-kontribuzzjoni tal-EURAMET dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) Nru ... [il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020];

(b) ir-rekwiżiti għall-kontribuzzjoni tal-EURAMET għall-monitoraġġ imsemmi fl-Anness III tad-Deċiżjoni (UE) Nru ... [il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020];

(c) l-indikaturi tal-prestazzjoni speċifiċi relatati mal-funzjonament tal-EURAMET;

(d) ir-rekwiżiti għall-EURAMET dwar l-għoti tal-informazzjoni fuq il-kostijiet amministrattivi u ċ-ċifri fid-dettall dwar l-implimentazzjoni tal-EMPIR;

(e) l-arranġamenti dwar l-għoti tad-dejta meħtieġa biex tiżgura li l-Kummissjoni kapaċi tissodisfa l-obbligi tagħha tat-tixrid u r-rappurtar.

Artikolu 8

It-terminazzjoni, it-tnaqqis jew is-sospensjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

Jekk l-EMPIR ma jiġix implimentat jew ma jiġix implimentat kif xieraq, jew jiġi implimentat parzjalment jew tard, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas proporzjonalment jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont l-implimentazzjoni attwali tal-EMPIR.

Jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-EMPIR, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas proporzjonalment jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, filwaqt li tqis l-ammont ta' finanzjament li allokaw l-Istati Parteċipanti biex jimplimentaw l-EMPIR.

Artikolu 9

Il-verifiki ex-post

1. Il-verifiki *ex-post* tan-nefqa fuq azzjonijiet indiretti għandha tagħmilhom il-EURAMET skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru ... [il-Programm Qafas Orizzont 2020].

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħmel il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 hi stess.

Artikolu 10

Jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, b'kontrolli effikaċi u, jekk jinkixfu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu ħażin u, meta xieraq, b'penali amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

2. Lill-persunal tal-Kummissjoni u lil persuni oħra li l-Kummissjoni tawtorizza, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, il-EURAMET għandha tagħtihom aċċess għall-postijiet u l-istabbilimenti tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluża dik f'format elettroniku, li hemm bżonn biex isiru dawn il-verifiki.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[18], bil-għan li jistabbilixxi jekk tkunx saret frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim għal għotja jew deċiżjoni għal għotja jew kuntratt iffinanzjat skont din id-Deċiżjoni.

4. Il-kuntratti, il-ftehimiet għal għotja u d-deċiżjonijiet għal għotja, li joħorġu mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li lill-Kummissjoni, lill-EURAMET, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF espressament jagħtuhom is-setgħa biex jagħmlu dawn il-verifiki u l-investigazzjonijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

[17] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

[18] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

5. Waqt l-implimentazzjoni tal-EMPIR, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi, regolatorji, amministrattivi jew miżuri oħra meħtieġa biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' xi ammonti dovuti lill-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012.

Artikolu 11
Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni

1. Meta l-Kummissjoni titlobha, il-EURAMET għandha tibgħat kull informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 12.

2. Permezz tal-EURAMET, l-Istati Parteċipanti għandhom iressqu lill-Kummissjoni kull informazzjoni li jitolbuhom il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-EMPIR.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 il-Kummissjoni għandha tinkludiha fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 12.

Artikolu 12
L-evalwazzjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni interim tal-EMPIR. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jkun fih il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u osservazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2018.

2. Fi tmiem il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-EMPIR, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni finali tal-EMPIR. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jkun fih ir-riżultati tal-evalwazzjoni. Dan ir-rapport il-Kummissjoni għandha tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 13
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 14
Id-destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

L-għanijiet tal-EMPIR

L-EMPIR għandu jaħdem qatigħ biex jilħaq dawn l-għanijiet ġenerali:

(a) li jagħti soluzzjonijiet xierqa, integrati u f'lokhom tal-metroloġija li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali, u teknoloġiji tal-kejl li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà bħas-saħħa, l-ambjent u l-enerġija, inkluż appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika;

(b) li joħloq Sistema Ewropea tar-Riċerka fil-Metroloġija integrata ma' massa kritika u impenn attiv fil-livell reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

ANNESS II

L-azzjonijiet indiretti li jappoġġa l-EMPIR

1. L-EMPIR jista' jappoġġa dawn l-azzjonijiet indiretti fil-qasam tar-riċerka konġunta u l-iżvilupp teknoloġiku:

1.1. azzjonijiet xjentifiċi-tekniċi li jappoġġaw metroloġija xjentifika fundamentali biex iqiegħdu s-sisien għall-filati li jmiss inklużi r-riċerka u l-iżvilupp fil-metroloġija applikata u servizzi relatati mal-metroloġija;

1.2. ir-riċerka fil-metroloġija biex jagħtu soluzzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà b'mod speċjali l-kontribut għall-enerġija, l-ambjent u s-saħħa;

1.3. ir-riċerka ħalli tinħoloq istrumentazzjoni tal-kejl ġdida bil-għan li l-industrija tuża t-teknoloġiji metroloġiċi li jistimulaw l-innovazzjoni fl-industrija;

1.4. ir-riċerka u l-iżvilupp prinormattivi u konormattivi fil-metroloġija għal standards dokumentarji ta' prijorità bil-għan li l-għarfien espert tal-istituti tal-metroloġija tal-istati parteċipanti jintuża biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika u jħaffef it-tqegħid fis-suq ta' prodotti u servizzi innovattivi;

1.5. attivitajiet li jibnu l-kapaċità fil-metroloġija fuq livelli teknoloġiċi differenti bil-għan li fl-istati parteċipanti tinħoloq sistema bilanċjata u integrata tal-metroloġija.

2. L-EMPIR jista' jappoġġa aktar azzjonijiet għat-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka fil-metroloġija.

L-EMPIR jista' jappoġġa azzjonijiet oħra li jindirizzaw speċifikament l-istituti tal-metroloġija b'kapaċitajiet xjentifiċi limitati jew mingħajrhom, billi jgħinhom jużaw programmi oħra reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea għat-taħriġ u l-mobbiltà, il-koperazzjoni transkonfinali jew l-investiment f'infrastruttura tal-metroloġija.

3. L-EMPIR jista' jappoġġa organizzazzjoni tal-attivitajiet tan-networking li tippromwovi l-EMPIR u jkabbar l-impatt tagħha kemm jista' jkun.

4. L-azzjonijiet indiretti msemmija fil-punt 1 għandhom jagħmluhom l-NMIs u d-DIs. Madankollu, l-EMPIR għandu jħeġġeġ u jappoġġa l-parteċipazzjoni ta' entitajiet oħra. Dan l-approċċ mistenni jwassal biex madwar 15% tal-baġit tal-EMPIR jingħata lil dawn l-entitajiet.

ANNESS III

L-implimentazzjoni u l-governanza tal-EMPIR

I Ir-rwol tal-EURAMET

1. Il-EURAMET għandha tkun responsabbli biex timplimenta l-EMPIR, skont l-Artikolu 3. Għandha tmexxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-EMPIR u għandha tkun responsabbli biex tħejji u timplimenta l-pjan ta' ħidma annwali, torganizza s-sejħiet għall-proposti, tieħu ħsieb l-evalwazzjoni ta' proposta u l-klassifika u kull attività oħra li toħroġ mill-pjan ta' ħidma annwali. Il-EURAMET għandha tkun responsabbli biex tmexxi l-għotjiet inkluż l-iffirmar tal-ftehimiet għal għotja, tirċievi, talloka u tissorvelja l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u l-pagamenti lill-parteċipanti tal-EMPIR fil-proġetti magħżula.

   Il-monitoraġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandu jkopri kull attività ta' kontroll u verifika, kontroll *ex-ante* u/jew *ex-post*, li hemm bżonn biex jitwettqu l-kompiti li l-Kummissjoni tiddelega lill-EURAMET. Dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jiksbu assigurazzjoni raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet iddikjarati fil-ftehimiet għal għotja.

2. Ċerti kompiti amministrattivi u loġistiċi waqt l-implimentazzjoni tal-EMPIR, il-EURAMET tista' tafdahom f'idejn l-istati parteċipanti.

II L-istruttura organizzattiva tal-EURAMET fejn tidħol l-implimentazzjoni tal-EMPIR

1. Il-Kumitat tal-EMPIR għandu jkun il-korp tal-EMPIR li jieħu d-deċiżjonijiet.

   Il-Kumitat tal-EMPIR għandu jkun fih rappreżentanti tal-membri tal-EURAMET mill-istati parteċipanti. Il-piżijiet tal-votazzjoni għandhom jiġu kkalkulati mill-impenji nazzjonali skont regola tal-għerq kwadrat.

   B'mod partikolari dan għandu jieħu deċiżjonijiet dwar l-aġenda strateġika għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-ippjanar tas-sejħiet għall-proposti, il-proċedura tar-reviżjoni tal-evalwazzjoni, l-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-klassifika u l-monitoraġġ tal-progress tal-proġetti ffinanzjati. Dan għandu jadotta l-pjan ta' ħidma annwali wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

   Il-Kummissjoni għandu jkollha status ta' osservatur fil-laqgħat tal-Kumitat tal-EMPIR. Iżda biex il-Kumitat tal-EMPIR ikun jista' jadotta l-pjan ta' ħidma annwali, dawn jeħtieġ il-kunsens bil-quddiem tal-Kummissjoni. Il-Kumitat tal-EMPIR għandu jistieden lill-Kummissjoni għal-laqgħat tiegħu u jibagħtilha d-dokumenti rilevanti. Il-Kummissjoni tista' tieħu sehem fid-diskussjonijiet tal-Kumitat tal-EMPIR.

2. Il-President tal-Kumitat tal-EMPIR u d-deputat tiegħu għandu jeleġġih il-Kumitat tal-EMPIR. Il-President tal-Kumitat tal-EMPIR għandu jkun wieħed miż-żewġ Viċi Presidenti tal-EURAMET. Il-President tal-Kumitat tal-EMPIR għandu jirrappreżenta lill-EURAMET fi kwistjonijiet relatati mal-EMPIR.

3. Il-Kunsill tar-Riċerka għandu jkun fih esperti ta' livell għoli mill-industrija, ir-riċerka, l-akkademja u organizzazzjonijiet internazzjonali tal-partijiet interessati. Dan għandu jagħti pariri strateġiċi indipendenti dwar il-pjan ta' ħidma annwali tal-EMPIR. Il-membri tal-Kunsill tar-Riċerka għandhom jinħatru mill-Assemblea Ġenerali tal-EURAMET.

4. Is-Segretarjat tal-EURAMET li jagħti appoġġ amministrattiv ġenerali lill-EURAMET għandu jżomm il-kontijiet bankarji għall-EMPIR.

5. L-Unità ta' Appoġġ Maniġerjali għandha tkun parti mis-Segretarjat tal-EURAMET u għandha tkun responsabbli mill-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' kuljum tal-EMPIR.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Il-qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. L-għanijiet

1.5. Ir-raġunijiet tal-proposta/inizjattiva

1.6. Kemm ittul u impatt finanzjarju

1.7. Il-metodu/i tal-ġestjoni previst(i)

2. IL-MIŻURI TAL-ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Is-sistema tal-ġestjoni u l-kontroll

2.3. Il-miżuri li jipprevenu l-frodi u l-irregolaritajiet

3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija għall-Innovazzjoni u r-Riċerka li bosta Stati Membri jwettqu b'mod konġunt

1.2. Il-qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB[19]

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Programm Qafas Orizzont 2020

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja[20]**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

X Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida**

1.4. L-għanijiet

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

L-għanijiet ġenerali tal-EMPIR huma li:

(1) Jagħti soluzzjonijiet integrati u f'lokhom tal-metroloġija li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali, u teknoloġiji tal-kejl li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà bħas-saħħa, l-ambjent u l-enerġija inkluż appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika.

(2) Joħloq Sistema Ewropea tar-Riċerka fil-Metroloġija integrata ma' massa kritika u impenn attiv fil-livell reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernata/i

L-għan operattiv ewlieni tal-proposta leġiżlattiva, jiġifieri l-parteċipazzjoni tal-UE fi Programm Konġunt għall-R&D u l-Innovazzjoni li jwettqu bosta Stati Membri fil-qasam tal-metroloġija, diġà hu previst fil-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (RTD).

L-għan speċifiku assoċjat ma' dan l-għan operattiv hu li jinħoloq u jitħaddem l-EMPIR bi proġett tal-R&D bħala r-riżultat ewlieni.

1.4.3. Ir-riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

L-EMPIR se jgħaqqad l-investimenti tal-Unjoni u nazzjonali tar-riċerka fil-metroloġija ħalli jagħti soluzzjonijiet xierqa, integrati u f'lokhom tal-metroloġija li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali, u teknoloġiji tal-kejl li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà bħas-saħħa, l-ambjent u l-enerġija.

[19] ABM: Ġestjoni bbażata fuq l-attività — ABB: Ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[20] Kif jissemma fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Dan se jappoġġa li tinħoloq Sistema Ewropea tar-Riċerka fil-Metroloġija integrata ma' massa kritika u impenn attiv fil-livell reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Huma mistennija dawn ir-riżultati li se jitkejlu bl-indikaturi relatati:

Jitħeġġeġ l-użu industrijali u titjieb l-istandardizzazzjoni

L-indikaturi: (a) il-fatturat minn prodotti u servizzi ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti li jistgħu jiġu attribwiti għall-attivitajiet tar-riċerka tal-EMPIR u l-predeċessuri tiegħu [il-mira: EUR 400 miljun], (b) parti mill-proġetti tar-riċerka mmexxija mill-industrija [il-mira: 20 %], (c) il-valur tal-investiment tan-negozji fil-proġetti tal-EMPIR, (d) parti mir-riċerka normattiva dedikata [il-mira: 10 %], (e) il-Kumitati Tekniċi ta' CEN/CENELEC/ISO/IEC u l-korpi tal-istandardizzazzjoni ekwivalenti li jieħdu sehem fil-programm b'potenzjal li jibbenefikaw direttament mill-proġetti tal-EMPIR.

Jiġi sostnut ambjent Ewropew koerenti, sostenibbli u integrat għall-metroloġija li jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-UE

L-indikaturi: (f) parti mill-investimenti nazzjonali dedikati għar-riċerka fil-metroloġija fl-Ewropa li hi kkoordinata jew influwenzata bil-programm [il-mira: 50 %], (g) il-parteċipazzjoni fil-programm tax-xjenzjati li mhumiex mill-NMIs/DIs [il-mira: id-doppju meta mqabbel mal-EMRP] (h) il-livell tal-investimenti mill-Fondi Strutturali u programmi oħra Ewropej, nazzjonali jew reġjonali f'attivitajiet relatati mal-metroloġija (i) It-tmexxija Ewropea fil-kumitati internazzjonali tal-metroloġija.

L-effiċjenza tal-programm

L-indikaturi: (j) il-kwalità tal-proċedura biex tittressaq, tiġi evalwata u tingħażel il-proposta, (k) iż-żmien biex tingħata l-għotja, (l) il-kostijiet biex jitħaddem l-EMPIR [il-mira: ≤ 5 %].

Benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti u kontribuzzjoni għall-għanijiet ewlenin tal-politika

Dan se jiġi vvalutat bħala parti mill-evalwazzjoni interim u finali indipendenti, apparti l-indikaturi l-oħra.

1.5. Ir-raġunijiet tal-proposta/inizjattiva

1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li jrid(u) jintlaħaq/qu fi żmien qasir jew fit-tul

L-EMPIR se jgħaqqad l-investimenti tal-Unjoni u nazzjonali tar-riċerka u jiżgura li r-riċerka fil-metroloġija tħalli impatt akbar fuq it-tkabbir u tegħleb l-isfidi soċjoekonomiċi u tindirizza l-frammentazzjoni u d-dgħjufijiet strutturali li hemm bħalissa fis-sistema Ewropea tar-riċerka fil-metroloġija u l-innovazzjoni.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Il-valur miżjud ta' intervent pubbliku fil-livell tal-UE jinsab f'li l-UE jirnexxilha tgħaqqad programmi nazzjonali tar-riċerka li huma maqtugħin għalihom, tgħin biex jitfasslu strateġiji komuni tar-riċerka u l-finanzjament li jegħlbu l-fruntieri nazzjonali, u tikseb massa kritika ta' atturi u investimenti li hemm bżonn biex jiġu indirizzati l-isfidi li tiltaqa' magħhom is-sistema tar-riċerka fil-metroloġija, filwaqt li żżid l-effiċjenza tal-infiq pubbliku.

L-EMPIR se jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-kejl b'impatt strateġiku għall-Ewropa. Dan se jsir b'mod koerenti u mingħajr frammentazzjoni mal-massa kritika ogħla u se jagħti soluzzjonijiet aktar kosteffikaċi u interoperabbli.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat

L-evalwazzjoni interim tal-EMRP predeċessur li tħaddem fl-FP7, identifikat ċerti nuqqasijiet li ġew indirizzati fit-tfassil tal-EMPIR (Appoġġ dedikat għall-innovazzjoni, l-istandardizzazzjoni, it-tawwim tal-kapaċità u l-ftuħ tal-programm għall-aqwa xjenza).

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

L-EMPIR se jagħti sehmu f'għadd ta' inizjattivi ewlenin tal-istrateġija EWROPA 2020 li jintlaqtu mir-riċerka fil-metroloġija, inkluża l-"Unjoni tal-Innovazzjoni", l-"Aġenda Diġitali għall-Ewropa", l-"Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" u l-"Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni".

L-EMPIR se jgħin bil-bosta biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Orizzont 2020 billi jappoġġa suġġetti li huma direttament rilevanti għall-prijoritajiet ta' Orizzont 2020.

1.6. Kemm ittul u impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva b'**tul taż-żmien limitat**

– Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-1/1/2014 sal-31/12/2024

– L-impatt finanzjarju mill-2014 sal-2020 għall-approprjazzjonijiet tal-impenji u mill-2014 sal-2024 għall-approprjazzjonijiet tal-pagamenti

☐ Il-proposta/inizjattiva b'**tul taż-żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni bi skala sħiħa.

1.7. Il-metodu/i tal-ġestjoni previst(i)[21]

☐ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

X **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☐ l-aġenziji eżekuttivi

– ☐ il-korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet[22]

– X korp/i tas-settur pubbliku nazzjonali b'missjoni tas-servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fis-sens tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (***għad iridu jiġu speċifikati***)

[21] Id-dettalji tal-metodi tal-ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

[22] Kif jissemma fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".

Kummenti

Ġiet stabbilita struttura dedikata tal-implimentazzjoni intitolata *EURAMET*, u jirregolawha l-Istati parteċipanti li jmexxu l-inizjattiva. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-inizjattiva se tingħata permezz ta' din l-organizzazzjoni.

2. IL-MIŻURI TAL-ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ladarba jkun stabbilit, l-EMPIR se jiġi ssorveljat permezz tar-rapporti annwali li jagħti l-*EURAMET*.
Ma' dan tiżdied evalwazzjoni interim li ssir sa mhux aktar tard mill-2017. Fi tmiem il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-EMPIR, iżda mhux aktar tard mill-2024, evalwazzjoni finali indipendenti se tirrevedi l-kisba tal-għanijiet, ir-riżultati u l-impatti.

2.2. Is-sistema tal-ġestjoni u l-kontroll

2.2.1. Ir-riskju/i identifikat(i)

1) Il-kapaċità tal-istruttura dedikata tal-implimentazzjoni *EURAMET*. biex tmexxi l-baġit tal-Unjoni u tħares l-interessi finanzjarji tal-UE.
2) Il-kapaċità tal-istati parteċipanti biex jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-programm.

2.2.2. Il-metodu/i tal-kontroll previst(i)

Ir-riskju 1: ara t-Taqsima 2.3.
Ir-riskju 2: Il-fondi tal-UE jistgħu jinħarġu biss meta tintwera evidenza tal-impenji finanzjarji nazzjonali, kemm fuq livell ta' ftehim għal finanzjament annwali kif ukoll fuq livell ta' pagamenti lejn il-parteċipanti nazzjonali fil-proġetti. Salvagwardja oħra hi li l-finanzjament tal-UE ma jistax jaqbeż il-50% tat-total tal-fondi pubbliċi mogħtija fil-programm u l-finanzjament tal-UE ma jistax ikopri n-nefqa amministrattiva.

2.2.3. Il-kostijiet u l-benefiċċji tal-kontrolli u tar-rata li probabbilment mhix kompatibbli

Is-sistema tal-kontroll stabbilita għall-implimentazzjoni tal-programm se titfassal b'tali mod li tagħti assigurazzjoni raġonevoli li ntlaħqet ġestjoni tajba tar-riskji relatati mal-effikaċja u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, filwaqt li titqies in-natura speċjali tal-EMPIR bħala sħubija pubblika-pubblika. Is-sistema tal-kontroll għandha ssib bilanċ bejn il-fiduċja u l-kontroll, filwaqt li tqis il-kostijiet amministrattivi u kostijiet oħrajn tal-kontrolli f'kull livell, l-aktar għall-parteċipanti, ħalli din tkun tista' tagħti sehemha bl-aħjar mod biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Programm Qafas Orizzont 2020.

2.3. Il-miżuri li jipprevenu l-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-EMPIR jiddikjara li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-EURAMET tkun konformi mar-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom)

Nru 966/2012. Skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas jew tissospendi l-kontribuzzjoni tagħha.

Il-ftehim ta' delega li jridu jikkonkludu l-Kummissjoni u l-EURAMET f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 se jipprovdi għall-Kummissjoni biex tissorvelja l-attivitajiet tal-EURAMET, b'mod partikolari billi tagħmel verifiki.

3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata

- Il-linji baġitarji attwali fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji. WARA L-FTEHIM IT-TABELLA TRID TIĠI AĠĠORNATA

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni ……...…….]	Diff./mhux diff. (23)	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[24]	mingħand il-pajjiżi kandidati[25]	mingħand pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1A	08.0204 Attivitajiet orizzontali ta' Orizzont 2020	Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
1A	08 02 02 01 Tmexxija fin-nanoteknoloġija, il-materjali avvanzati, il-bijoteknoloġija, il-manifattura u l-ipproċessar avvanzati	Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
1A	08 02 03 01 Titjib fis-saħħa u l-benesseri tul il-ħajja	Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
1A	08 02 03 02 Titjib fis-sikurezza tal-ikel, l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli, ir-riċerka tal-baħar u marittima, u l-bijoekonomija	Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
1A	08 02 03 03 Biex issir it-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva	Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
1A	08 02 03 04 Biex tinħoloq sistema Ewropea tat-trasport li tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla intoppi	Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
1A	08 02 03 05 Biex tinkiseb ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli tal-materja prima	Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
1A	09 04 02 01 Tmexxija fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA

23 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

24 L-EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

25 Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru 1A	L-Intestatura 1A Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi

Id-DĠ: RTD, CNECT			Is-sena **2014**	Is-sena **2015**	Is-sena **2016**	Is-sena **2017**	Is-sena **2018**	Is-sena **2019**	Is-sena **2020**	**Is-snin 2021-2024**	**AMMONT TOTALI**[26]
• L-approprjazzjonijiet operazzjonali											
08 02 02 01 Tmexxija fin-nanoteknoloġija, il-materjali avvanzati, il-bijoteknoloġija, il-manifattura u l-ipproċessar avvanzati	Impenji	(1)	5,000	8,000	8,500	8,500	8,000	7,500	7,000		52,500
	Pagamenti	(2)		0,500	5,300	8,050	8,500	8,450	7,950	13,750	52,500
08 02 03 01 Titjib fis-saħħa u l-benesseri tul il-ħajja	Impenji	(1a)	5,714	9,143	9,714	9,714	9,143	8,572	8,000		60,000
	Pagamenti	(2 a)		0,571	6,057	9,200	9,714	9,658	9,086	15,714	60,000
08 02 03 02 Titjib fis-sikurezza tal-ikel, l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli, ir-riċerka tal-baħar u marittima, u l-bijoekonomija	Impenji	(1b)	1,429	2,285	2,429	2,429	2,285	2,143	2,000		15,000
	Pagamenti	(2b)		0,143	1,514	2,300	2,429	2,414	2,271	3,929	15,000
08 02 03 03 Biex issir it-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva	Impenji	(1c)	5,714	9,144	9,714	9,714	9,143	8,571	8,000		60,000
	Pagamenti	(2c)		0,572	6,057	9,200	9,714	9,657	9,086	15,714	60,000
08 02 03 04 Biex tinħoloq sistema Ewropea tat-trasport li tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla intoppi	Impenji	(1d)	2,143	3,428	3,643	3,643	3,429	3,214	3,000		22,500
	Pagamenti	(2d)		0,214	2,272	3,450	3,643	3,621	3,407	5,893	22,500
08 02 03 05 Biex tinkiseb ekonomija effiċjenti fl-użu tar-	Impenji	(1e)	5,000	8,000	8,500	8,500	8,000	7,500	7,000		52,500
	Pagamenti	(2e)		0,500	5,300	8,050	8,500	8,450	7,950	13,750	52,500

[26] L-ammont hu indikattiv u jiddependi fuq l-ammont finali għad-DĠ RTD u d-DĠ CNECT f'dawn l-isfida/i jew is-suġġett(i) msemmija hawn fuq.

riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli tal-materja prima											
L-approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ RTD	Impenji	=1+1a-e	25,000	40,000	42,500	42,500	40,000	37,500	35,000		262,500
	Pagamenti	=2+2a-e		2,500	26,500	40,250	42,500	42,250	39,750	68,750	262,500
09 04 02 01 Tmexxija fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	Impenji	(1f)			5,000	5,000	7,500	10,000	10,000		37,500
	Pagamenti	(2f)				0,500	5,000	5,250	7,750	19,000	37,500
L-approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ CNECT	Impenji	=1f			5,000	5,000	7,500	10,000	10,000		37,500
	Pagamenti	=2f				0,500	5,000	5,250	7,750	19,000	37,500
		(3)									
L-approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ RTD, CNECT	**Impenji**	=1+1a-f	**25,000**	**40,000**	**47,500**	**47,500**	**47,500**	**47,500**	**45,000**		**300,000**
	Pagamenti	=2+2a-f		**2,500**	**26,500**	**40,750**	**47,500**	**47,500**	**47,500**	**87,750**	**300,000**

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	**25,000**	**40,000**	**47,500**	**47,500**	**47,500**	**47,500**	**45,000**		**300,000**
	Pagamenti	(5)		**2,500**	**26,500**	**40,750**	**47,500**	**47,500**	**47,500**	**87,750**	**300,000**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (08 01 05)		(6)	0,131	0,134	0,136	0,139	0,142	0,145	0,148		**0,975**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 1A tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	**25,131**	**40,134**	**47,636**	**47,639**	**47,642**	**47,645**	**445,148**		**300,975**
	Pagamenti	=5+6	**0,131**	**2,634**	**26,636**	**40,889**	**47,642**	**47,645**	**47,648**	**87,750**	**300,975**

Din it-tabella turi s-sors ta' finanzjament annwali tal-EMPIR. Iżda l-baġit għall-EMPIR se jiġi implimentat mil-linja baġitarja 08.0204 Attivitajiet orizzontali ta' Orizzont 2020.

L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1A	L-Intestatura 1A Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi "In-nefqa amministrattiva"

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Is-sena **2014**	Is-sena **2015**	Is-sena **2016**	Is-sena **2017**	Is-sena **2018**	Is-sena **2019**	Is-sena **2020**	**TOTAL**
Id-DĠ: RTD									
• Riżorsi umani		0,131	0,134	0,136	0,139	0,142	0,145	0,148	**0,975**
• Infiq amministrattiv ieħor									
TOTAL tad-DĠ RTD	Approprjazzjonijiet	0,131	0,134	0,136	0,139	0,142	0,145	0,148	**0,975**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 1A tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = pagamenti totali)	0,131	0,134	0,136	0,139	0,142	0,145	0,148	**0,975**

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Is-sena **2014**	Is-sena **2015**	Is-sena **2016**	Is-sena **2017**	Is-sena **2018**	Is-sena **2019**	Is-sena **2020**	Is-snin **2021-2024**	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	**25,131**	**40,134**	**47,636**	**47,639**	**47,642**	**47,645**	**445,148**		**300,975**
	Pagamenti	**0,131**	**2,634**	**26,636**	**40,889**	**47,642**	**47,645**	**47,648**	**87,750**	**300,975**

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma jeħtiġilhiex tuża l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– X Il-proposta/inizjattiva jeħtiġilha tuża approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprazzjonijiet tal-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati ⇩			Is-sena **2014**		Is-sena **2015**		Is-sena **2016**		Is-sena **2017**		Is-sena **2018**		Is-sena **2019**		Is-sena **2020**		**TOTAL**	
	Tip	Kost medju	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru Totali	Kost Totali
Jinħoloq u jitħaddem l-EMPIR																		
Ir-riżultat*, **	Il-proġetti tal-R&D		25	50,000	40	80,000	47	95,000	47	95,000	47	95,000	47	95,000	47	90,000	300	600,000
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1			25	50,000	40	80,000	47	95,000	47	95,000	47	95,000	47	95,000	47	90,000	300	600,000
KOST TOTALI			25	50,000	40	80,000	47	95,000	47	95,000	47	95,000	47	95,000	47	90,000	300	600,000

1 Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-kostijiet totali ma għandhiex taqbeż EUR 300 miljun.

(*) Il-kostijiet amministrattivi ta' *EURAMET e.V.* għall-implimentazzjoni tal-EMPIR, sal-limitu ta' EUR 30 miljun [5%], se jkopruhom l-istati parteċipanti, mingħajr ebda kontribuzzjoni tal-Unjoni.

(**) Maħsub kost medju ta' EUR 2 miljun għal kull proġett tal-EMPIR. Il-baġit ġenerali tal-programm ta' EUR 600 miljun hu stmat li jiffinanzja madwar 300 proġett.

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. **Sommarju**

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma jeħtiġilhiex tuża approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– X Il-proposta/inizjattiva jeħtiġilha tuża approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Is-sena **2014**	Is-sena **2015**	Is-sena **2016**	Is-sena **2017**	Is-sena **2018**	Is-sena **2019**	Is-sena **2020**	**TOTAL**
l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Infiq amministrattiv ieħor								
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra l-INTESTATURA 5[27] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0,131	0,134	0,136	0,139	0,142	0,145	0,148	**0,975**

[27] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

Infiq ieħor ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,131	0,134	0,136	0,139	0,142	0,145	0,148	**0,975**

TOTAL	0,131	0,134	0,136	0,139	0,142	0,145	0,148	**0,975**

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jilħquhom l-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà ġew assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kull allokazzjoni oħra li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi fil-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji,

3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma jeħtiġilhiex tuża r-riżorsi umani,

– X Il-proposta/inizjattiva jeħtiġilha tuża r-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti fulltime

		Is-sena **2014**	Is-sena **2015**	Is-sena **2016**	Is-sena **2017**	Is-sena **2018**	Is-sena **2019**	Is-sena **2020**	**TOTAL**
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)									
08 01 01 01 (fil-Kwartieri Ġenerali u fl-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)									
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)									
08 01 05 01 (Riċerka indiretta)		1	1	1	1	1	1	1	**7**
10 01 05 01 (Riċerka diretta)									
• Persunal estern (f'unità ekwivalenti fulltime: FTE)[28]									
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")									
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)									
XX 01 04 **yy**[29]	- fil-kwartieri ġenerali								
	- fid-delegazzjonijiet								
XX 01 05 02 (CA, SNE, INT — Riċerka indiretta)									
10 01 05 02 (CA, SNE, INT — Riċerka diretta)									
Linji baġitarji oħra (speċifika)									
TOTAL		1	1	1	1	1	1	1	**7**

[28] CA = Aġent Kuntrattwali; LA = Aġent Lokali; SNE = Esperti Nazzjonali Ssekondati; INT = Persunal mill-Aġenziji ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" = Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

[29] Taħt il-limitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu l-linji "BA").

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jilħaqhom il-persunal tad-DĠ għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li diġà hu assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie riallokat fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kull allokazzjoni oħra li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi fil-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji,

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

L-uffiċjali għandhom sehem fi:

Il-laqgħat tal-Kumitat tal-EMPIR u fil-laqgħat tal-Kunsill tar-Riċerka tal-EMPIR kif ukoll fil-gruppi ta' ġidma u fl-avvenimenti ta' tixrid

Osservatur fil-evalwazzjonijiet ta' proposta tal-EMPIR

In-negozjati u l-tħejjija tal-ftehim mad-DIs

Il-preparazzjoni tad-deċiżjoni finanzjarja annwali u l-pagamenti relatati

L-approvazzjoni l-pjan ta' ħidma annwali

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni abbażi tar-rapporti annwali, u l-koordinazzjoni tal-evalwazzjonijiet interim u finali

Il-verifika finanzjarja u legali tal-implimentazzjoni tal-EMPIR

Persunal estern N/A

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– X Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali,

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali,

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali,

3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva tipprevedi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miluni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**Total**
Stati parteċipanti	25,000	40,000	47,500	47,500	47,500	47,500	45,000	**300,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati	25,000	40,000	47,500	47,500	47,500	47,500	45,000	**300,000**

Dettalji tal-kofinanzjament

Għandha tingħata kontribuzzjoni massima tal-Unjoni Ewropea sa EUR 300 miljun, soġġetta għal kontribuzzjoni ta' mill-inqas EUR 300 miljun mingħand l-istati parteċipanti bejn l-2014 u l-2024 mill-baġits nazzjonali lill-EMPIR.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul,

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq id-dħul mixxellanju.